## GĦALIEX TĦOBBNI, ĠESU' TIEGĦI?

*Ta'* Dun Karm Farrugia

Għaliex tħobbni, Ġesù tiegħi?
X'tara fija hekk sabiħ?
X'tajtek jien li mhux minn tiegħek
Jew għamilt li żgħedlek ġieħ?

**Rit.** U minn fuq (oħ! x'ġenn kien tiegħi)
Mingħajr qalb kasbartek jien.
O Ġesù agħtini nibki
Dil-kefr ja bla qisien.

B'dik l-imħabba li hi ta' dejjem
Int sejjaħtli mal-ħajjin,
Żejjint ruħi b'dehen u rieda
L'huma l-għaxqa tal-bnedmin.

Biex b'kull għid lili tfawwarni
Ħlaqt bla qies għeġubijiet;
Tajtni s-setgħa fuq kull ħliqa
Bħal sultan wara r-rebħiet.

Tajtni l-jedd għall-vera ħajja,
Dik il-ħajja li hi bla tmiem,
Fejn int tkun il-ħlas kbir tiegħi
Bl-aqwa ġid u l-oħla sliem.

Meta mħabba d-dnub tan-nisel
Kont fix-xifer tat-telfien,
Int, Mulej, sirt xejn għalija,
B'mewtek jien ħadt il-ħelsien.

Sabex żgur sa l-aħħar tħobbni,
Ridt tagħtini kulma stajt,
Tajtni nnifsek, b'laħmek, b'demmek,
Ħobż u nbid ta' ruħi sfajt.



## KOMMENT U APPREZZAMENT TAL-POEZIJA "METAMORFOSI" TA' RUZAR BRIFFA

*Ta'* Albert M. Cassola, F.I.L.

FEJN il-lum tinsab dik it-triq kbira, wiesgħa, sabiħa, li titlaq minn Kastilja, timxi mal-ġonna tal-Kalkara, tittawwal għal fuq il-Port il-Kbir u twassal ġol-Furjana ħdejn il-Monument tal-Gwerra u qrib il-fosos tal-qamħ quddiem il-Knisja ta' San Publju, kien hemm, fuq l-għoxrin sena ilu, sûr għoli u twil li jaqta' għal kollox il-Furjana mill-Belt. Man-naħa ta' ġewwa tas-sûr, quddiem il-famuża Auberge, kien jinfirex għadd ieħor ta' fosos tal-qamħ u fuq dawn il-fosos kienu jmorru jilagħbu dawk it-tfal ċkejknin li ma kinux ilaħħqu ma' tfal oħra ikbar minnhom li kienu jilħqu qabilhom u jżommu bis-saħħa l-aħjar postijiet għal-logħob fil-Barrakka.

Dawk it-tfal li kienu l-iżjed fuq ruħhom, imqarqċin, itajru n-nar, kont tarahom ixejru d-daqqiet ta' sieq lil xi ballun taċ-ċarruta, jilagħbu bid-daqqa, jiġġieldu bil-ġebel. Oħrajn, aktar ġwejdin u bil-għaqal, kont tarahom jiġru, indaf xummiema, wiċċhom aħmar, għajnejhom jberrqu, wara xi farfett imlewwen, qishom iridu, minn ċkunithom, jaqbdu l-ħolma ta' moħħhom, ħolma li ma jaslu qatt biex jaħkmu jew li traku taħarbilhom minn idejhom bil-ġwienaħ ħfief tagħha.

Fost dawk it-tfal irżina, kien imur jitliegħeb f'dik il-wesgħa ta' quddiem Kastilja tfajjel ħlejju; tfajjel li huwa wkoll kien imur igħaddi siegħa żmien bħat-tfal l-oħra sħabu, iżda tfajjel li għalkemm ikompli ma' ħbiebu, waqtiet jitbiegħed minnhom, jitlaqhom, imur waħdu ġo rokna, iħares u josserva, iqis u jitħasseb.

Dak it-tfajjel kien twieled poeta. U jekk l-imġieba tal-poeta, sa minn tfulitu, tista' tkun soċjevoli, ir-ruħ tal-poeta, sa minn tfulitu, ma tistax ma tkunx ftit jew wisq għafsija.

Dak it-tfajjel, li 'l quddiem, student, waqqaf flimkien ma' sieħbu Ġużè Bonnici l-Għaqda tal-Malti fl-Alma Mater, u li